26 ta' Ġunju, 1954

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* John Bartolo

**Traffiku — Kolliżjoni — Sinjali**

*Meta driver ikun għaddej għad-dritt, fil-waqt li driver ieħor ikun ser jaqsam il-linja tat-traffiku u jinterċetta t-triq għall-"on coming traffic", l-"on coming traffic" għandu prijorità, ġa ladarba jkun qej għad-dritt.*

*Il-fatt li wieħed joħroġ l-"indicator" ma jista' qatt jiġi estiż li jfisser li t-traffiku ta' quddiemu, qej fuq il-"main road" mid-direzzjoni opposta, għandu jkun kostrett jaltera li speed jew iwaqqaf għal kollox, u jitlef il-prijorità. Min joħroġ l-"indicator" ikun qiegħed jagħti, kif hu obligat, avviż lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu; imma mhux b'hekk ma jistax, sempliċement għax ħareġ l-"indicator", jagħmel li jrid, jikser il-prijorità li jagħtu r-regolamenti, u jaqleb ir-"rule of the road" favur tiegħu.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli dana, fis-6 ta' Diċembru, 1953, għal xi t-8.30 p.m., saq motor-car numru 10262 minn Jetties Wharf, il-Marsa, lejn il-Ħamrun b'giri aktar milli jmissu, u naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa f'kantuniera, u barra minn dan, mhabba nuqqas ta' għaqal, bi traskuraġni u nosservanza tar-regolamenti, ħabat ma' motor-car numru 10096 u għamlilha ħsara għad-dannu ta' Carmelo Ritchie;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-18 ta' Jannar, 1954, li biha dik il-Qorti ddeċediet billi sabitu ħati biss ta' danni involontarji u kkundannatu £3 multa, u lliberatu mill-imputazzjonijiet l-oħra;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, fil-parti kundannatorja tagħha;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Bid-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 1954, din il-Qorti kkostitwiet perizja teknika fil-persuna tal-espert Avukat Dot-

tor Lorenzo Cassar. Dan ikkonkluda, fir-relazzjoni tiegħu fol. 18 ta' l-inkartament, li ma kienx hemm ebda negligenza jew imprudenza fis-sewqan mill-parti tal-imputat, u li l-kollizjoni ġrat għax id-driver l-ieħor Milner ħa riskju ta' manuvra li ma kellux jagħmel;

Ir-raġunijiet li wasslu lill-espert għal din il-konklużjoni huma sodi, preċiżi, u bażati fuq kriterji ta' bon sens u fuq prinċipji mhux dubitati f'materja ta' sewqan u kollizjonijiet. Kull min għandu esperjenza tas-sewqan jista' jara immedjatament ir-raġjonevolezza tal-motivazzjoni li hi mqiegħedha għab-bażi tal-konklużjoni peritali — motivazzjoni żvolta bi kjarezza ineċċepibbli;

Il-fatti kienu dawn. L-imputat, fis-6 ta' Diċembru, 1953, għal xi t-tmienja u nofs ta' filgħaxija, kien qiegħed isuq il-car tiegħu għaddej għad-dritt matul Jetties Wharf, li hi t-"truck road", dirett lejn Marsa Cross Road. Meta wasal fil-viċinanza tat-Tramway Depot antika (il-lum żmantellata), fejn hemm *traffic island żgħira*, u fejn, fuq ix-xellug tal-imputat, hemm *il-"junction" li tagħti għaċ-ċimiterju ta' l-Addolorata u Ħal Luqa*, kienet ġejja, mid-direzzjoni opposta, car self-drive misjuqa minn ċertu Milner; u fil-ħin li din *il-car ta'* Milner kienet idur mat-traffic island għal Ħal Luqa, saret il-kollizjoni;

Il-kollizjoni, għalhekk, kienet bejn car li kienet sejra għad-dritt (dik tal-imputat) bla ma taqsam it-triq ta' ħadd, u car li kienet sejra taqsam in-naħa tal-lemin (dik ta' Milner) u b'hekk taqta' li "*stream*" *tat-traffiku*. Ix-xhieda jgħidu, u lanqas jidher li ġie bl-ebda mod kontestat, li l-imputat kien qed isuq bi speed moderat, u kien fuq is-side tiegħu, regolarment;

Milner ħareġ l-"indicator" tal-lemin (fuq hekk ma hemmx lanqas kwistjoni), u, milli jidher, il-Prosekuzzjoni ssostni li dan il-fatt għandu jkun deċiżiv tar-responsabilità. Iżda, kif turi l-perizja, hemm lok għal dawn il-konsiderazzjonijiet importanti :—

1. L-imputat kien għaddej għad-dritt, mentri Milner kien sejjer jaqsam il-linja tat-traffiku u jinterċetta t-triq għall-"oncoming traffic". Għalhekk l-"oncoming traffic" kellu priorità, ġa ladarba kien għad-dritt ;

2. Il-fatt li wieħed joħroġ l-"*indicator*" ma jista' qatt jiġi *estiż li jfisser* li t-traffiku ta' *quddiemu*, ġej fuq il-"main road" mid-direzzjoni opposta; għandu jkun kostrett jaltera li speed, jew iwaqqaf għal kollox, u *jitlef* il-prijorità; għax, *kif jgħid sewwa l-perit*, il-ħruġ tal-"*indicator*" ma għandux "mandatory effect on power". Min joħroġ l-"indicator" qiegħed jagħti avviż lit-traffiku ta' *warajh* u ta' quddiemu, u hu *l-obligu li jagħti* dak l-avviż; imma mbgħad ma jistax, semplicement għax ħareġ l-"*indicator*", jagħmel li jrid, jikser il-prijorità li jagħtu r-regolamenti, u jaqleb ir-"rule of the road" *favur tiegħu*, b*ħal ma jagħmlu xi drivers li*, basta jdoqqu l-horn, u allura jidhrilhom li jistgħu jagħmlu li jridu; imma, għall-kuntrarju, min joħroġ l-"*indicator*" jibqa' fid-dover, li *jikkoordina* l-*movimenti* tiegħu mat-traffiku l-ieħor ta' quddiemu;

3. Jekk Milner, semplicement għax ħareġ l-"indicator", ħaseb li jista' jaqta' t-triq u jdur għall-lemin bla ma jikko-ordina l-movimenti tiegħu mat-traffiku li kien ġej minn quddiemu, dan ifisser li din *il-manuvra* għamilha għar-riskju *tiegħu*, u kienet ħtija tiegħu jekk ma laħaqx għamilha a tempo biex jiskansa kollizjoni;

4. Kien ikun divers il-każ kieku l-imputat, b'xi għemil tiegħu, ta "ad intendere" lil Milner li dan jista' jaqsam, kieku b'xi mod inkoraġġieh. Imma jirriżulta li l-imputat ma għamel xejn li Milner bih seta' jifhem dan; l-imputat baqa' għaddej bl-istess speed moderat li kien sejjer bih, ma naqqas xejn, żamm dak li speed kostanti. Milner, b'dan kollu, naqas li jikko-ordina l-movimenti tiegħu *ma'* dawk tal-imputat, iddeċieda jaqsam, avvolja l-manuvra kienet evidentement riskjuża, qasam, u saret il-kollizjoni. Dan kien kontra kull regola tassowqan. It-teżi *kuntrarja tiegħu* għall-kondizzjoni assurda, *prospettata* mill-perit, li diversament il-vetturi li jkunu sejrin għad-dritt ikollhom jistennew il-vetturi l-oħra li sejrin jilwu, u b'hekk tinqaleb ir-"rule of the road" in materja;

Il-Qorti taħseb li Milner kien indott jieħu r-riskju li ġieb il-kollizjoni b'dawn il-fatti, li ċertament ma juru ebda ħtija tal-imputat u juru *mprudenza* ta' Milner:—

1. Quddiem il-car ta' Milner kien hemm car oħra "Mor-

ris Minor", li laħqet daret fuq il-lemin. Milner, evidentement, ħaseb li, la din il-car laħqet daret, anki hu seta' jagħmel l-istess ħaġa. Dan hu assolutament fallaċi; għaliex, jekk manuvra tista' tagħmilha jew le b'sikurezza hi kemm il-darba affari ta' "split second", u l-kondizzjonijiet ta' dik is-sikurezza jistgħu jitbiddlu minn mument għall-ieħor. X'seta' jagħmel b'sikurezza d-driver tal-car ta' qabel ma hux kriterju għad-driver tal-car ta' warajh;

2. Milner kien mgħaġġel biex jasal Ħal-Luqa (ara xhieda P.C. Mercieca). Din l-għaġla setgħet tikkonsiljah jieħu riskju li ma jmissux ħa; molto più li dan Milner, li għandu wieħed u għoxrin sena, ma tantx għandu esperjenza tas-sewqan, aħmieħu hawn Malta, fejn kien ilu jsuq biss ħames xhur meta ġara l-inċident;

3. Milner ħaseb li basta joħroġ l-"indicator", u allura tista' tibqa' għaddej, bla ma baqa' josserva u jara jekk setgħax jaqta' t-triq fil-"oncoming traffic";

Ikkunsidrat:

Il-Prosekuzzjoni, wara r-relazzjoni, eskutiet il-perit u osservat li, la Milner ħareġ l-"indicator" fi żmien utili, għal-hekk l-imputat kellu jwaqqaf. Issa, dan ma hux hekk, għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Milner ġie riprodott wara l-perizja, u qal li hu ħareġ l-"indicator" minn bogħod ta' xi 25 jarda. Issa, meta Milner xehed l-ewwel darba, qabel il-perizja, hu ma qalx affattu dan, imma qal li kien sejjer idur mat-traffic island. Difatti qal hekk (ara xhieda tiegħu tas-6 ta' Marzu 1951):— "The other car (vwoldiri l-Morris Minor) shot out its indicator while round the traffic island, and I did the same in order to show that I was following in the same direction". Il-kliem "while round the traffic island" ma jfissrux 25 jarda bogħod. Mhux biss, imma anki Rashbrook, li kien riekeb ma' Milner, fix-xhieda tiegħu tal-21 ta' April 1951, qal prattikament l-istess. Difatti qal:— "......... as we came down the hill to turn towards Luqa there was a car in front of us, and there it indicated that it was going to turn right". Vwoldiri, skond Rashbrook, il-Morris Minor ta sinjal fil-ħin tad-dawra, u l-istess Milner qal li hu ħareġ l-"indicator" meta ħarġitu

l-Morris Minor. Del resto, l-ewwel xhieda ta' qabel ir-relazzjoni hi aktar kredibbli, għaliex it-tieni xhieda, kif turi spisse l-esperjenza ġudizzjarja, tiġi mmodellata skond dik li tissejjaħ "the pinch of the case";

2. Kif ingħad diġa', il-ħruġ tal-"indicator" ma jfisserx ordni lill-"oncoming traffic" biex iċedi l-pass, għax inkella jiġu nvertiti r-regoli tas-sewqan, u Milner kien imissu jistenna biex jara jekk l-imputat weriex b'xi fatt tiegħu li kien bi ħsiebu jħallih jgħaddi; mentri l-imputat ma għamel xejn li seta' jinduċi lil Milner f'din il-kredenza, la rrallenta u lanqas waqaf;

3. Ma jistax jingħad li l-imputat ma jmissux sforza l-prijorità tiegħu; u ma jistax jingħad hekk, l-ewwelnett għax aktar u aktar allura ma jmissux jingħad li Milner kellu ddritt jisforza s-sinjal li ta bl-"indicator" sal-pont li jgħaddi, tajjeb jew ħażin, u jimblokka t-triq, u t-tieni, għaliex l-imputat ma kienx qed jisforza l-prijorità tiegħu, imma kien qed jaħseb u jistenna, kif leġittimament kien ġustifikat li jaħseb u jistenna, li Milner, bis-sinjal b'kollox, kien sejjer jiddiporta ruħu bħal driver prudenti, u ma jgħaddix jekk ma kienx "safe" li jgħaddi;

Għal dawn il-motivi;

Prevja l-adozzjoni tal-konklużjonijiet tal-perizja;

Tiddeċiedi;

Billi tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.